MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru. 372/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Anthony George Borg ta’ 19 il-sena bin George u Carmen nee` Attard li joqghod Nru 74, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta’ Identita’ numru 30482 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-7 ta’ Dicembru 2001 ghall- habta ta’ l-4:30p.m. fix-Xlendi, Munxar, Ghawdex (1) saq vettura Nru EAI 082 b’mod negligenti u b’manjiera perikoluza, (2) b’imprudenza, negligenza u ksur tar-regolamenti tat-traffiku habat ma’ Samantha Vella u kkagunalha griehi ta’ natura gravi

skond kif iccertifika Dr Michael Portelli M.D. ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi migjuba jirrizulta illi fis-7 ta’ Dicembru 2001 Samantha Vella kienet qed tilghab ma’ shabha x-Xlendi f’parti fejn kien hemm xi dghajjes fuq l-art u li tasal ghaliha minn triq li hija mmarkata li ma tinfidx. L-imputat kien qieghed ipparkjat f’din it-triq u meta ddecieda jibda jsuq huwa regga’ lura l-vettura tieghu ghaliex jghid li ma kellux fejn idawwar l-istess. Hekk kif kien qed iregga’ lura sar l-impatt mat-tifla Samantha Vella li harget minn go qasma fir-recint u spiccat milquta mill-vettura. Samantha Vella ma tiftakar xejn minn dan kollu izda kawza ta’ l-incident hija garrbet ksur fl-ghadma ta’ l-id imsejjha “radius”. Jirrizulta wkoll illi Samantha Vella tuza “hearing aid” izda dakinhar kienet minghajr dan l-apparat. Hekk ukoll jirrizulta breakmark ta’ 2.40 metri minn taht ir-rota ta’ quddiem tal-vettura misjuqa mill-imputat u li l-imputat kien pjazzat f’nofs din il-kareggjata. Maria Farrugia, xhud okulari qalet li rat dan kollu u cioe` tfal jilghabu u l-imputat gej b’lura. Hija ghajtet lis-sewwieq biex jieqaf meta kwazi wasal fuqha. Jirrizulta illi t-tfal kienu qed jilghabu daqqa fit-triq u daqqa wara r-recint.

L-imputat jghid illi huwa rriversja b’pass ta’ bniedem u meta ra xi haga waqaf. Wara nduna li kienet intlaqtet Samantha u li din harget min bejn id-dghajjes.

Ikkunsidrat inoltre illi wara li semghet diversi xhieda u rat is-sottomissjonijiet ferm studjati tal-partijiet, il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat ma wera ebda forma ta’ traskuragni jew perikolozita` fis-sewqan tieghu. Jirrizulta illi t-tifla harget tigri mill-fetha tar-recint ghal got-triq u hi habtet mall-karozza. Jirrizulta illi l-ksur tal-polz kien ikkagunat mill-moviment tat-tifla li zammet mall-mudgard tal-vettura biex tieqaf.

Il-Qorti hija konvinta minn dan ghaliex sewqan bi speed jew negligenti kien jirrizulta fi tragedja meta fil-kaz in

dizamina kienet it-tifla li dahlet fil-vettura u mhux bil-kontra.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------